MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 10/2002

**Joseph Pace**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn decizjoni ta' l-Arbitru li kkonfermat decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali li biha kien irreklama dritt ta' rifuzjoni ta' ammont imhallas lill-appellant. L-Arbitru ta din id-decizjoni fit-18 ta' Novembru 2002:-

"Dan l-appell qed isir mid-decizjoni tad-Direttur li permezz taghha waqqaf il-hlas tal-ghajnuna ghall-qaghad li kien qed ihallas lill-appellant.

Decizzjoni appellata tal-1 ta' Lulju 2002:-

"*Jekk joghgbok asal wasla sa l-indirizz ta' hawn fuq fil-jum ta' l-Erbgha 5 ta' Awissu 2000 fid-9.15 a.m. ghax nixtieq inkellmek dwar l-Ghajnuna Socjali.*

*Mieghek gib:-*

*(a) Il-Karta ta' l-Identita` (ta' l-applikant u ta' l-Agent)*
*Biex tirrifondi somma flus li rcevejt mid-Dipartiment Lm4953.53 f'daqqa.*"

L-appell:-

"*Nikteb ghan-nom ta' Joseph Borg ta' 118 flat 2 Triq it-Tankijiet, Birzebbugia u nirriferi ghall-kwistjoni fuq imsemmija.*

- *Illi huwa gie maqtugh mill-assistenza ghaliex mhux jirregistra taht l-ewwel parti.*
- *Illi huwa qed joggezzjoni ghal din id-decizjoni u dan ghaliex huwa ma jistax jahdem minhabba ragunijiet ta' sahha tieghu ta' ibnu fil-fatt dwar dan kontu kien infurmat il-welfare officer fil-14 ta' April 1997.*
- *Illi s-Sur Pace ghandu tifel li huwa handicapped serjament u ghalhekk jehtieg assistenza qawwija.*

*It-terapija tat-tifel (Jonathan Pace ID 569381M) li ghandu 27 sena hija tant serja li jrid sorveljanza l-hin kollu u bhala single parent ma jista' jaghmel xejn ahjar.*

*Illi s-Sur Pace kellu jieqaf mix-xoghol minhabba ragunijiet ta' sahha ta' ibnu li huwa serjament handikappat u li fl-assenza tal-mara tieghu l-mejta kellu jiehu hsieb ghal kollox hu stess. Dan wassal lill-istess Sur Pace biex jieqaf mill-impieg tieghu bhala self employed u fl-istess waqt il-piz ta' ibnu kkawzalu ukoll mard psikologiku kif ukoll mard fiziku partikolarment f'daru bit-tqandil ta' ibnu.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet fuq premessi nitolbok tirrivedi d-decizjoni tad-dipartiment*."

Risposta tad-Direttur:-

1) "*Illi meta Joseph Pace talab l-Ghajnuna Socjali fis-27 ta' Mejju 1997, huwa kien iddikjara li kellu Lm1468 f'Savnbgs A/c il-BOV u Lm367 f'A/c Savings il-Mid Med Bank (illum HSBC). It-tifel Jonathan li jifforma parti mill-familja tieghu kien jircevi pensjoni bhala persuna gravament disabilitat, u kellu fuq ismu Lm690 f'Saving A/c fil-BOV. Fis-sena 2000, l-appellant kien jircievi l-Ghajnuna ta' Lm27.60 fil-gimgha flimkien mal-Bonus Addizzjonali ta' Lm1.34 fil-gimgha.*

2) *Illi minn informazzjoni li gabar id-dipartiment, irrizulta li Joseph Pace kien dahhal Lm1738.46 inter4essi minn 4 kontijiet Fixed li kienu fuq ismu fil-BOV.*

3) *Illi minn stharrig u minn dokumenti li pproduca l-Appellant stess, irrizulta li l-appellant matul is-sena 1996 kellu f'ismu aktar minn Lm66,000 mqassma hekk:-*

*a) F'Savings A/c NO 1350179201-1=Lm24,000 fid-29 ta' Jannar 1996 sal-21 ta' Dicembru dan nizel ghal Lm327.43. Dan kien jinkludi ukoll Lm10,467 li gew trasferiti minn Kont nru 13501792040.*

*b) Fixed A/c No. 1350179205-3=Lm28,000 fit-23 ta' Frar 1996*

*c) Fiex A/c No 1350179206-6=Lm6,520 fit-28 ta' Dicembru 1996*

*d) Fixed A/c No 1350179207-9=Lm7,297 fl-20 ta' Marzu 1996*

*e) Current A/c No 1350179203-7=Lm30 fil-31 ta' Dicembru 1996.*

*Ta' min isemmi li A/c (c) Fixed 1350179206-6 ghalkemm kien fuq isem Joseph Pace jidher li kien ta' A/c ta' Jonathan u ghalhekk f'ismu proprju l-Appellant kellu madwar Lm60,000.*

4) *Illi A/c (d) 1350179207-9 kien "Fixed 1 year" li kien immatura fl-20 ta' Marzu 1996 u li baqa' depositat jigifieri kien jimmatura fl-20 ta' Marzu 1997. Daqstant*

*iehor A/c (b) 130179205-3 kien immatura fit-23 ta' Frar 1996 ghax ukoll kien Fixed u ukoll jidher li baqa' depositat f'dik id-data. Ghalhekk kien messu jimmatura fit-23 ta' Frar 1997.*

5) *Illi skond dikjarazzjoni li s-Sur Joseph Pace ghamel lid-Dipartiment huwa kien juza l-flus li kellu minhabba l-business tieghu. F'din id-dikjarazzjoni hu qal ukoll illi ta lill-ibnu Ruben is-somma ta' Lm15,000 biex ighnu jixtri r-residenza ghalih (ghal Ruben) u ghal martu Michelle.*

6) *Illi fuq dawn il-fatti, id-Direttur ma setax ikun sodisfatt illi meta l-appellant applika ghall-ghajnuna, ma kienx kapital li jeccedi Lm4000. Anke kieku l-Appellant kellu xi djun minhabba l-business tieghu, li hu kien ghalaq fl-1 ta' Jannar 1996 ghaliex ma hallasx dan id-dejn meta mmaturaw id-depositi msemmija f'paragrafu (4) u mill-Kont No. 130179201-1 li fih kellu aktar minn Lm24,000. Barra minn hekk ma jistax ikollok flus li taghti lil haddiehor biex tikkwalifika ghal Ghajnuna. Ghalhekk issospenda l-pagament fit-23 ta' Gunju sakemm isiru aktar investigazzjonijiet u sakemm johorgu l-istruzzjonijiet f'kazi simili.*

7) *Illi kull ma pproduca l-Appellant kienu tlett ircevuti*

*a) ghal stairlift ta' Lm1507*

*b) ohra mahruga mill-Polmar Garage ghal Lm4000*

*c) u ohra ghal Truck ta' Lm2300.*

*(8) Illi ghalhekk id-Direttur isostni li dan l-Appell ma jqanqal ebda punt ta' ligi jew principju ta' mportanza u ghalhekk ghandu jigi michud*."

Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2000 l-appellant xhed hekk:-

*"Jiena xoghli kien Self-Employed fl-Aluminium u dana sa madwar erba' snin ilu. Il-mara tieghi kienet giet nieqsa madwar tlett snin qabel. Dak iz-zmien il-flus bejni u bejn marti kellna mgemmghin madwar Lm10,000. Ibni Jonathan huwa tifel bi bzonnijiet specjali. It-tifel twieled*

*prematur ta' seba xhur u juza kontinwament il-wheelchair. Qed nigi muri l-appliakzzjoni li jiena kont ghamilt fis-27 ta' Mejju 1997 u naghraf il-firma tieghi fuqha. Jiena dakinhar hlief il-kontijiet bankarji li ddikjarajt ma kellix depozitati l-bank, pero` kont hrigt xi ammonti qabel, li kont infaqt u ghandi l-ircevuti. Nispjega illi kont xtrajt post lit-tifel bil-prezz ta' Lm15,000 kont xtrajt vettura Toyota Van bil-prezz ta' Lm2,300, Lift ta' Lm1507. Jiena kull meta niehu lit-tifel ghal Phisio-Therapy nonfoq Lm5. Kont xtrajt van specjali ukoll ghal valur ta' Lm4,000 minghand Polmar Garage. L-isfog ta' ibni huwa l-football u ghalhekk jiena gieli hadtu fuq mawriet barra minn Malta biex jara l-loghbiet tal-football. Il-mara tat-tifel sa minn qabel izzewget kienet tigi d-dar biex taghti l-ghajnuna taghha u anke fi zmien li marti kienet ghadha hajja*."

Bejn dik is-seduta u t-8 ta' Mejju 2002 saru hames seduti ghall-provi tal-appellant li kollha gew differiti fuq talba tal-appellant. Kien ghalhekk li l-appell gie differit ghall-ahhar darba ghas-seduta tal-10 ta' Gunju 2002 f'liema seduta sar dan il-verbal:-

"*L-appell jibqa' differit ghas-sentenza b'dan illi l-appellant ghandu zmien gimghatejn, b'nota guramentata jiddikjara liema kontijiet bankarji u ammonti ndikati fir-risposta tad-Direttur li kopja taghha qed tigi notifikata prezenzjalment mill-istess appellant, f'liema nota guramentata jiddikjara liema kontijiet bankarji kienu f'ismu jew f'isem uliedu.*

*Id-Direttur ikollu zmien gimghatejn min-notifika tan-nota tal-appellant, sabiex jipprezenta l-prova tieghu dokumentarji dwar il-kontijiet bankarji minnu allegati, liema dokumenti jigu wkoll notifikati lill-appellant*."

Fis-26 ta' Gunju 2002 l-appellantipprezenta din in-nota:-

"*Illi b'referenza ghar-risposta tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali pprezentata fis-17 ta' Novembru 2000 nghid u nippreciza s-segwenti punti;*

*Preliminarjament, jinghad li l-kontijiet li kienu f'ismi gew mghaluqa qabel ma saret l-applikazzjoni tieghi ghall-*

*beneficcju socjali u dan nattribwih ghall-fatt li jien kelli naghlaq il-business tieghi minhabba d-dizabilita` serja ta' ibni peress illi xi sentejn qabel kienet mietet marti b'cancer. F'dan ir-rigward kont qed nabbanduna x-xoghol biex niehu hsieb lill-ibni tant li fl-ahhar kelli nabbandunah ghal kollox.*

*Dwar il-kontijiet riferiti fl-istess risposta tad-Direttur jinghad li qatt ma kelli Lm66,000 kif qed jallega id-Direttur.*

*Il-kont li ssir riferenza f'paragrafu a) tar-risposta tad-Direttur kien kont tieghi.*
*Il-kont li ssir referenza f'paragrafu b )tal-istess risposta huwa tieghu.*
*Il-kont li ssir referenza f'paragrafu c) tal-istess risposta huwa tieghu huwa ta' ibni Jonathan, ibni b'dizabilita`.*
*Il-kont li ssir referenza f'paragrafu d) tal-istess risposta huwa tieghu wkoll.*

*Li nixtieq nghdx huwa li f'dak iz-zmien wara li mietet marti, u ibni marad iktar serjament bid-dizabilita` li kellu, il-flus li kelli infaqthom fuqu ghal kura kif ukoll ghal saraf biex ibni jiddiverti. Dan huwa l-attribut ghaliex il-kontijiet nixfu drastikament f'perijodu tant qasir kif ukoll ghall-hajja peress illi kont ghalaqt il-business.*

*Li jidher fl-ittra tal-31 ta' Mejju 2000 tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali huwa li l-appellant kellu madwar Lm27,000 bejn is-snin 1995 u 1996 (u mhux Lm66,000 kif qed jallega fir-risposta tieghu d-Direttur). Ma dawn kien hemm Lm7,000 ta' ibni li ghandu dizabilita` izda li kienu fuq isem l-appellant minhabba l-istess dizabilita`.*

*Fiz-zmien li ghalaq il-business tieghu, fl-1996 l-appellant:*

*Hallas Lm15,000 lil ibnu biex jixtri dar u dan wara ta s-support kollu lil ta lill-istess missieru wara l-mewt ta' ommu u minhabba d-dizabilita` ta' huh;*
*Hallas kwazi Lm8,000 f'lifts u vans ghall-ibnu b'dizabilita`;*
*Hallas ghall-ghixien tieghu u ta' ibnu, nkluz b'safar mediku u ftit ta' divertiment.*

*Ghaldaqstant u minn dak li jirrizulta, mhux minnu li l-appellant kellu Lm66,000 (cifra gdida allegata mid-dipartiment) izda kellu madwar Lm27,000 (barra dawkt a' ibnu) bejn l-1995 u l-1996.*

*Minn dak li jidher fil-paragrafu precedenti, dawk is-savings nixfu u kien ghalhekk li intalbet l-assistenza tad-Dipartiment ghall-beneficcju socjali."*

Ai termini tal-verbal tal-10 ta' Gunju 2002 id-Direttur kellu sal-15 ta' Lulju 2002 sabiex jipprezenta l-provi tieghu dokumentarji dwar il-kontijiet bankarji minnu allegati. Fil-21 ta' Awissu 2002, aktar minn xahar wara li skadilu t-terminu talab estenzjoni tat-terminu, liema terminu gie estiz sat-30 ta' Setttembru 2002. Fis-7 ta' Ottubru 2002, wara li kien skada t-terminu estiz id-Direttur rega talab estensjoni tat-terminu bil-pretest li d-Dipartiment kien ghadu ghaddej bl-istharrig. Din it-talba giet michuda ghar-ragunijiet indikati fid-digriet relattiv.

Mir-risposta tad-Direttur tas-17 ta' Novembru 2000 tirrizulta r-raguni ghad-decizjoni l-appellant kellu diversi kontijiet bankarji fuq ismu sa ftit qabel applika ghall-beneficcju. Skond id-Diretur it-total taghhom kien ilahhaq is-somma ta' Lm60,000.

Meta l-appellant applika fis-27 ta' Mejju 1997 huwa ddikjara li kellu tlett kontijiet bankarji (a) wiehed b'bilanc ta' Lm1468.14, (b) iehor b'bilanc ta' Lm690.74 u (c) iehor b'bilanc ta' Lm367.56. Iddikjara wkoll "There are no other Bank Books".

Meta wiehed jezamina l-atti kollha ta' dan l-appell jirrizulta illi fil-kont savings numru 1350179201 intestat f'isem l-appellant fit-3 ta' Jannar 1996 kien hemm bilanc ta' Lm13,743. Fit-23 ta' Frar 1996 sar zbank ta' Lm18,000 biex zdied ma kont fiss iehor li kellu bilanc ta' Lm10,000 biex b'hekk spicca b'bilanc ta' Lm28,000. Mill-istess kont sar zbank iehor ta' Lm2,000 fl-1 ta' April 1996. Mill-kont fixed 13501792040 intestat f'isem l-appellant, fis-27 ta' Jannar 1996 kellu bilanc ta' Lm11,043. Fid-29 ta' Jannar 1996 sar minnu zbank ta' Lm10,467.

Meta wiehed jezamina l-ammonti f'dawn il-kontijiet bankarji huwa difficli jaccetta l-verzjoni tal-appellant illi sa ma applika fis-27 ta' Mejju 1997 huwa kien nefaq kwazi kollox hlief ghas-somma ta' madwar Lm2,500. L-appellanti ma ressaq l-ebda prova konkreta li tiggustifika remotament in-nefqa ta' somma daqstant sostanzjali f'terminu relattivament qasir. Mill-kumpless tal-provi jirrizulta li l-appellant intenzjonalment nehha minn fuq ismu flus li kienu l-bank f'ismu peress li kien jaf li ma jikkwalifikax ghal dan il-beneficcju jekk ikollu aktar minn Lm4,000 depozitati.

L-Arbitru huwa tal-fehma illi d-decizjoni appellata tad-Direttur hija skond il-ligi u konsegwentemnet jichad dan l-appell."

Ir-rikorrenti hassu aggravat b'din id-decizjoni ta' l-Arbitru u appella minnha quddiem din il-Qorti kif gej. Fl-ewwel lok huwa jsostni illi sa l-1996 kellu fondi bankarji f'ammont inferjuri ghal dak stabbilit mill-appellat. Fit-tieni lok jilmenta illi l-Arbitru ma tax piz debitu lill-provi li ressaq, inter alia, in dimostrazzjoni tan-nefqa nkorsa minnu tal-maggor parti tal-kapital li kellu ghad-disposizzjoni tieghu.

Huwa fatt illi d-Direttur appellat qed jippretendi u jezigi minghand l-appellant ir-rifuzjoni tal-ammont, skond hu, mhallas indebitament lill-appellant. Dan bis-sahha li jaghtih l-Artikolu 102 tal-Kap 318.

Jirrizulta illi l-appellanti kien applika ghall-ghajnuna medika fis-27 ta' Mejju 1997. Dakinhar huwa kien iddikjara li ma kellux fondi kapitali in eccess tas-somma ta' erbat elef lira Maltija (Lm4000) statwita fit-tieni taqsima tat-Tieni Skeda ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali.

Irrizulta wkoll minn investigazzjoni kondotta mill-appellat illi l-assi li rrizultalu li l-appellanti kellu fiz-zmien rilevanti kienu ferm aktar superjuri minn dak stabbilit mil-ligi ghall-iskop ta' kwalifika ghall-ghajnuna.

Il-Qorti ghamlet ri-ezami tal-provi in atti u evalwazzjoni taghhom u tista' tghid li ma tikkondividiex l-ilmenti sottomessi mill-appellanti.

Indubbjament l-oneru tal-prova kien kollu kemm hu fuq l-appellant.  Hu htieglu jiddemostra bi provi konkreti, u mhux jillimita ruhu sempliciment ghall-affermazzjonijiet generici, illi l-fondi disponibbli li kellu kienu fil-fatt intefqu in bazi ghall-ispjegazzjonijiet minnu suppliti.

Kull ma jirrizulta li gie provvdut minnu kien biss tliet ricevuti ammontanti komplessivament ghal Lm7807.  Dan allavolja huwa kien sostna meta xehed quddiem l-Arbitru illi kellu ricevuti u dokumenti provanti l-hlasijiet.  Huwa jsostni wkoll illi l-fondi li kellu "nixfu" pero` imbaghad jonqos li joffri spjegazzjoni dwar kif sboccja l-kapital ta' Lm15,000 li huwa ddona lill-ibnu mizzewweg fil-5 ta' Gunju 2000.

Indipendentement minn kemm kienet korreta l-istima matematika tad-Direttur jew dik tal-Arbitru, il-fatt cert hu dak li l-Arbitru jidher li kkonsidra l-kwadru kollu tal-provi u nvesta sew il-punt kontestat.

Il-fatt li l-Arbitru forsi ma elaborax dwar certi aspetti, kif hekk pretiz mill-appellanti, ma jfisserx illi fid-decizjoni tieghu l-Arbitru ma jkunx ikkunsidrahom u ddelibera dwarhom.  Jew li ma jkunx ukoll iddecieda in pjena koxjenza u konsapevolezza ta' dawk il-fatti jew aspetti lilu sottomessi.

Il-veru test f'dan il-kaz jibqa' dak illi l-appellant ma rnexxielux sodisfacentement jiddizempja ruhu bi prova tangibbli u konkreta ghall-fini tad-determinazzjoni tal-jedd tieghu biex jircievi l-beneficcju li tieghu issa qed jigi mitlub jirrimborsa lura.

Huwa minnu illi l-appellanti eroga flejjes ghall-kura ta' ibnu, xiri ta' vetturi u nstallazzjoni ta' lift izda daqstant iehor huwa veru illi, imbaghad, ma ggustifikax adegwatament in-"nixfa" ta' kapital apprezzevoli f'perijodu daqstant qasir.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti d-deduzzjonijiet tal-Arbitru huma ragjonevoli u l-gudizzju tieghu ineccepibbli. Din il-Qorti allura ma tara xejn ta’ sostanza li kapaci iggieghla tiddisturba l-apprezzament li ghamel l-Arbitru u d-decizjoni tieghu hi f’dan is-sens gusta u korretta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-appell interpost u b’hekk tikkonferma d-decizjoni appellata, bl-ispejjez jithallsu mill-appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------